MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 554/2007/1

**Awtorita` Marittima ta' Malta**

**vs**

**Ray Avallone**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Frar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tal-Awtorita' li qed titlob is-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm379.50), ekwivalenti ghal tmien mija u erbgha u tmenin Euro (€884.00), rapprezentanti *berthing fees* (drittijiet ta' rmigg) dovuti minn Ray Avallone lill-Awtorita' attrici bhala hlas ta' facilitajiet

ta' rmigg u servizzi ohra ancillari moghtija fis-sena 2003.

Il-konvenut baqa' inadempjenti wara ittra interpellatorja tad-19 ta' Lulju, 2006 u kkontesta ittra ufficjali mibghuta skond l-Artikolu 166 A tal-Kap.12.

Bl-ispejjes gudizzjarji u *extra* gudizzjarji, inkluzi dawk tal-ittri, minbarra l-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagamenti effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet tal-Awtorita' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u li ghandhom jigu respinti kontra l-istess Awtorita' attrici bl-ispejjes kontra taghha stante illi l-ammont rapprezentanti *berthing fees* (drittijiet ta' rmigg) u servizzi ancillari ohra m'humiex dovuti mill-konvenut.

Il-konvenut jichad kategorikament illi huwa responsabbli ghal hlas mitlub mill-istess awtorita' attrici.

Bl-ispejjes, komprizi dawk *extra* gudizzjarji.

Ra x-xhieda ta' Christopher Schembri li jokkupa l-kariga ta' *Berthing Master* u ilu jokkupa sa' mis-sena 2001.

Jispjega li hemm zewg tipi ta' *berthing fees*, dawk li jithallsu annwalment u dawk li jithallsu temporanjament. L-irmiggi annwali huma dawk li jithallsu annwalment u jservu ghas-sena kollha, filwaqt li dawk temporanji huma dawk li jithallsu ghal *yachts* li jkunu hawn ghal perjodu taz-zmien, anke ghal gurnata u dawn jithallsu skond ir-rata adottata mill-*Yachting Centre Regulations Legal Notice* tal-1991.

Kien avvicinah il-konvenut li huwa imporatur tal-*yachts* u kien staqsih jekk setax isiblu post ta'

rmigg temporanju, u dan kien fis-sajf tas-sena 2001. Kien sablu post ta’ rmigg u hargulu r-rata tal-*berthing* ghal ewwel perjodu ta’ seba’ (7) xhur. L-ewwel *invoice* kien gie saldat u dan kien *invoice* mahrug f’isem il-konvenut u s-socjeta’ NA Marine Ltd, is-socjeta’ li tirrapprezenta lill-konvenut. Il-*yacht* “Dream Time” kien telaq minn Malta ghall-ahhar ta’ Lulju, 2002 u kienu hargu l-*invoices* sa’ tlett xhur kull xahar.

Fil-fatt, il-bilanc li kien qed jintalab kien jammonta ghal tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm379.50), ekwivalenti ghal tmien mija u erbgha u tmenin Euro (€884.00). Bejn April sa’ Lulju kienu hargu *invoice* wahda.

Ix-xhud jispjega illi l-proprjetarju tal-*yacht* kien mar mal-konvenut ghand l-Awtortita’ u spjegalhom li lokalment kien qed ihalli l-*yacht* f’idejn il-konvenut u jekk kellhom xi problema kellhom jikkomunikaw mal-konvenut.

Il-kont fil-fatt gie registrat f’isem il-konvenut li kien informa lil Schembri li ser jassumi l-kontijiet hu stess u kien ser jaghmel il-pagamenti.

Ix-xhud ma setax jikkonferma meta harget l-ewwel *invoice* ghal perjodu ta’seba’ (7) xhur. Jikkonferma li qatt ma kien talab lill-konvenut prokura peress li kien jafu sew u fil-fatt minkejja li ma kienx hemm postijiet ta’ rmigg ghax kien is-sajf, kien ghamillu l-ahjar biex sablu post.

Ighid ukoll illi l-proprjetarju tal-*yachts* jista’ jigi kkonfermat biss mis-*ship papers*, izda meta *yacht* ikun ser idum ghal diversi xhur hawn Malta, f’dak il-kaz ikun hemm bzonn ta’ rapprezentanza lokali. Peress li l-*yacht* in kwistjoni kien registrat barra minn Malta, ma kienx f’posizzjoni li jintraccja min kien is-sid ta’ dan il-*yacht*. Sabiex jigi rregistrat il-*yacht* hawn Malta jkun mehtieg li jkollu t-tul ta’ *yacht*, kif ukoll il-bandiera.

Ir-registrazzjoni kienet saret temporanjament ghal finijiet tal-irmigg. Jispjega ukoll illi peress li originarjament kien sar kuntratt, izda l-*yacht* kien telaq qabel, kienu ghamlu kuntratt ghall-perjodu sal-ahhar ta’ Lulju. Il-hlas li kienu qed jitlobu kien ikopri il-perjodu mill-1 ta’ Mejju, 2002 sa’ Settembru, 2002 u dan peress li bejn Ottubru, 2001 u April, 2002 kienu saru l-pagamenti.

Ikompli jghid li bhala Awtorita’ ikunu jafu li l-*yacht* ikun telaq minn Malta billi jivverifikaw mac-*check list*, li tithejja minn impjegat ta’ l-istess Awtorita’ li jmur fuq il-post u jivverifika jekk il-*yacht* ikun telaqx jew le u mbaghad huwa l-persuna li ghandu jigi infurmat jekk il-*yacht* ikunx telaq jew le. Fil-kaz in ezami peress li kien l-konvenut li kien qed jirrapprezenta l-*yacht*, il-ftehim sar b’mod differenti u b’*invoicing* f’perjodu differenti, u dan meta is-soltu l-ftehim isir direttament mas-sid tal-*yacht* u jista’ jaghti l-kaz li jithallsu fl-ahhar meta jkun ser jitlaq l-*yacht*.

Ix-xhud jikkonkludi biex ighid li l-ammont li qed jippretendu huwa sad-29 ta’ Lulju, 2002 u dan minhabba skond ic-*check list* il-*yacht* kien ghadu prezenti hawn Malta. Il-kalkolazzjonijiet isiru skond il-*Yachting Centre Regulation* u jsiru mensilment.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li s-socjeta’ MNA Trading Company Ltd. hija socjeta’ li taghmilha ta’ agent tal-*yachts* ta’ ditta partikolari. Jispjega kif kien gie avvicinat minn barrani sabiex jipprova jbieghlu l-*yacht* tieghu u kien ghalhekk li kien mar mieghu sabiex jirrangaw ghal *pontoon*. Kien qallu biex ihallas il-flus bil-quddiem u dan peress li kien ghamel kuntratt twil u malli hallsu mar ihallas l-Awtorita’ u esebixxa l-ircevuta relattiva ta’ dan il-hlas (Dok. RA 1). Dwar Dokument CS1, il-konvenut jikkonferma li qatt ma kien ircieva jew ra din l-ircevuta.

Jispjega li malli ghaddew sitt xhur u kien ghadu ma bieghx dan il-*yacht* kien informa lill-Awtorita' li ma riedx jiehu hsieb aktar dan il-*yacht* u jekk kien jinqala' xi haga kellhom jikkommunikaw mas-sid, Gordon Sharp.

Jikkonferma ukoll li l-Awtorita' kellha n-numri tat-*telephone* tieghu, kif ukoll kopja tad-dettalji tal-*boat*, addiritura zewg *mobile numbers*.

Meta kien mar ihallas fis-26 ta' April, jew fl-2001 jew 2002, kien informa lill-Awtorita' li kien ser jittermina l-*berthing service* u s-sid kien qallu li minn dak il-mument kien ser jiehu hsieb il-*yacht* hu stess u kien ser ihallas hu.

Ghalhekk, ix-xhud ikompli jghid li hu ma kienx responsabbli ghall-*invoice* li kienu qed jibghatulu. Lanqas kien jaf jekk wara dan l-*yacht* baqax jaghmel uzu mill-*berthing service* u jichad li kien jircievi telefonati minghand l-Awtorita' sabiex icaqlaq il-*yacht*. Il-*yacht* kien baqa' fl-istess post.

Ma setax jikkonferma min kien nehha l-*yacht*, izda kien sema' li kien hemm xi hadd Laferla li kien ghamel dan ghan-nom tas-sid.

Il-konvenut jispjega li qatt ma kien irrinunzja ghall-agenzija bil-miktub. Hu kien semplicement mar mas-sid sabiex isibu *pontoon*, izda mbaghad meta pprova jsieb il-bejgh u ma sabx, kien informa lill-Awtorita' li ma xtaqx jiehu hsieb dan il-*yacht* aktar

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-fatti li ngabu quddiem dan it-Tribunal jirrizulta, li l-konvenut kien gie ingaggat bhala agent ta' yacht "Dreamtime", minn terza persuna ta' nazzjonalita' barranija, certu Gordon Sharp.

Kien jehtieg li dan il-*yacht* jigi registrat temporanjment u kien ghalhekk li l-konvenut kien ha hsieb li jinnegozja ma' Christopher Schembri sabiex jinstab *pontoon*. Fil-fatt kien instab *pontoon* u kien sar kuntratt ghal perjodu tal-irmigg.

Peress illi mbaghad il-*yacht* kien telaq qabel iz-zmien stipulat fil-kuntratt, kienu ghamlu biss kuntratt sal-ahhar ta' Lulju, 2002.

Kienu saru l-pagamenti bejn Ottubru, 2001 u April, 2002 u ghalhekk kienu qed jitolbu l-ammont ghall-perjodu bejn 1 ta' Mejju, 2002 u d-29 ta' Lulju, 2002, meta l-*yacht* kien ghadu Malta.

Minn hawn jirrizulta li l-konvenut kien il-persuna li kienet registrata mal-Awtorita' u li kien qed jagixxi ghan-nom ta' persuna ohra, mhux Maltija.

Skond l-Artikolu 38 tal-Kap. 358 :-

"***agent ta' bastiment, li jkun wettaq xi ghemil dwar il-bastiment li b'xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dana l-Att huwa mehtieg li jsir jew li jkun dahal ghal jew ghamel xi hlas jew ha xi responsabbilita' dwar bastiment f'xi port, ghandu, ghall-finijiet ta' dana l-Att, jitqies li hu l-agent tal-bastimetn, sakemm dak il-bastiment jibqa' Malta."***

Fl-ewwel ecezzjoni tieghu, il-konvenut donnu irid jaghti l-impressjoni li huwa ma kienx qed jagixxi il-kapacita' tieghu personali. Ittenta iressaq eccezzjoni preliminari li huwa m'huwiex il-legittimu kontradditur, izda dan it-Tribunal cahadlu din it-talba. Mill-provi jidher car li l-persuna li registrat dan il-*yacht* Dreamtime, kien il-konvenut u mhux is-socjeta' MNA Trading  Company Ltd. u li dejjem kien qed jagixxi fill-kapacita' tieghu personali bhala agent ta' Sharp. Fil-fatt, jammetti hu stess li malli rcieva l-flus minghand Sharp mar jirregistra l-*yacht* sabiex tkun tista' tinghata *pontoon* ghall-irmigg.

Is-socjeta' qatt ma ssemmiet u anke l-istess *invoices* huma ndirizzati lill-konvenut stess. Jirrizulta li min jaghmel l-irmigg, jitnizzel bhala l-*Master*.

L-Artikolu 36 tal-Kap.352 jikkontempla illi :-

***"Il-kaptan, is-sid jew l-agent ta' bastiment, jistghu individwalment, jew solidalment, ikunu mehtiega li jaghtu din il-garanzija ghall-gbir ta' drittijiet, rati u pagamenti jew spejjez dovuti lill-Awtorita' dwar dak il-bastiment f'dak l-ammont li l-Awtorita' tista' tehtieg."***
***'Awtorita' Marittima ta' Malta vs Anthony Bartolo et noe' (TTZ 571/2005 5 ta' Mejju, 2006)***

Fl-istess sentenza giet enunciat illi:-

***"d-drittijiet ta' irmigg huma responsabbilita' tal-Master ukoll, u din ir-respnsabblita' testendi ghal kull min ikun inkarigat mid-dghajsa."***

Stabbilit dan, jibqa' biex jigi kkunsidrat effettivament, jekk il-konvenut huwiex responsabbli ghad-debitu li qed jintalab mill-Awtorita' attrici. L-Artikolu 38 tal-Kap. 358 jaghti x'jifhem, li l-konvenut *qua* agent ma jistax jnezza' r-responsabblitajiet tieghu sakemm dan il-*yacht* jitlaq mill-gzejjer ta' Malta.

*In ogni caso*, fil-kaz in ezami, il-konvenut kellu jsib il-bejgh ta' dan il-*yacht* u sadanittant kien irregistrah mal-Awtorita' sabiex sab irmigg temporanju. Meta kienu ghaddew sitt (6) xhur u ma kienx sab il-bejgh ta' dan il-*yacht*, xehed li kien informa lill-Awtorita' verbalment li ma kienx ser jibqa' jagixxi bhala agent tal-istess *yacht* u li minn dakinhar kellhom jiehdu hsieb jitkellmu mas-sid tal-*yacht*.

> Fl-ebda stadju tal-gbir tal-provi, il-konvenut pprova li kien ittermina l-agenzija, kien hemm semplicement fi kliemu stess li kien avza' lill-Awtorita' b'dik li kienet l-intenzjoni tieghu. Il-ligi stess li tirregola l-ligi Marittima, ma tippermettix li agent jittermina l-istess kuntratt ta' agenzija, qabel mal-bastiment jitlaq minn Malta u mill-*check list* irrizulta li sad-29 ta' Lulju, 2002, l-*yacht* kien ghadu hawn Malta, meta skond il-konvenut, ferm qabel, kien informa lill-Aworita' li kien ittermina l-agenzija, meta legalment dan ma setax isir, bl-iskuza li ma setax isib il-bejgh tal-istess *yacht*. Inoltre it-Tribunal jinsab soddisfatt li l-ammont mitlub huwa dovut.
>
> Ghalhekk, il-konvenut ghandhu jinzamm responsabbli ghall-hlas tad-debitu pretiz mill-Awtorita'.
>
> Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, filwaqt li jirrespingi dawk tal-konvenut.
>
> Bl-ispejjes u imghax kif mitluba a kariku tal-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut biex jobbjetta illi gjaladarba r-rwol tieghu kien dak ta' mandatarju ta' sid il-*yacht*, id-disposizzjonijiet applikati mit-Tribunal fl-ambitu tal-Kapitolu 352 ma kellhomx jirregolaw il-vertenza. Jinsisti wkoll, illi hu kien avza lill-Awtorita` attrici li kien irrinunzja ghall-inkarigu tieghu ta' mandatarju;

L-Awtorita` attrici bi twegiba ghall-appell tadduci dawn is-sottomissjonijiet:-

(1) Fl-ewwel lok, l-inammissibilita` ta' l-istess appell, trattasi li l-valur tat-talba hu inferjuri ghal €1164.69 u, wkoll, ma kienx jikkonfigura f'ebda wiehed mill-

ipotesijiet elenkati fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380;

(2) Fil-mertu, l-operat tal-konvenut fil-vicenda jinkwadra ruhu perfettament fil-karatteristici ta' agent kif prospettat fl-Artikolu 38 tal-Kapitolu 352 gjaladarba kien hu l-persuna registrata ma' l-Awtorita` ghal skop ta' hlasijiet tad-drittijiet ta' irmigg tal-*yacht*;

Bhala figura guridika l-appellanti jiddefinixxi lilu nnifsu mandatarju ta' Gordon Sharp b'mandat specjali u limitat attinenti ghal bejgh tal-*yacht*. Minn naha l-ohra l-provi juru li meta nnegozja ma' l-Awtorita` huwa pprezenta ruhu bhala rapprezentanti lokali tal-*yacht* u assuma l-obbligu tal-hlasijiet ta' l-irmigg. Ara xhieda ta' Christopher Schembri a fol. 15. Jikkonsegwi minn dan illi quddiem l-Awtorita` l-appellanti assuma r-rwol ta' agent tal-*yacht* biex, kif sehh, jitratta u jikkonkludi maghha kuntratt ta' irmigg. Mhux dan biss ghaliex ukoll, apparentement, huwa personalment, u b'inizzjattiva u responsabilita` proprja, impenja ruhu ghall-hlasijiet tariffarji ta' l-irmigg;

Jinzel minn dan illi ghalkemm l-oggett tal-mandat ghall-konvenut kien il-bejgh tal-*yacht*, meta hu ndahal biex jaghmel attijiet ta' rilevanza guridika esterna u krejattivi ta' obbligazzjonijiet ghalih li assumihom, xejn ma jimporta illi hu ccessa li jibqa' mandatarju ghax di fronte ghall-Awtorita` li maghha kkuntratta u ghal fini tal-ligi bl-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta huwa jibqa' konsiderat bhala agent tal-*yacht*, anke jekk dak li ghamel jinvolgi interessi eskluzivament tal-mandanti tieghu. Huwa f'dan is-sens li tinftiehem is-sentenza tat-Tribunal;

Ragonevolment, l-argoment kollu dedott mill-appellant ghas-sostenn ta' l-ilment tieghu jista' jkun validu di fronte ghall-mandanti tieghu izda mhux ukoll biex jipparalizza l-obbligazzjoni li hu jkun indahal ghaliha versu l-Awtorita`. Dan ghaliex, limitati kemm huma limitati l-poteri tieghu *qua* mandatarju, tali jitlef kull effikacja di fronte ghall-

Awtorita` jekk jirrizulta, kif hekk irrizulta, illi hu jkun inizzjalment assuma r-responsabilita` ghall-hlas ta' l-irmigg. L-univocita` tal-provi mhux biss tissottolineja dan imma sservi biex tikkaratterizza r-rapport ta' agent fl-appellanti u timpenjah ghal hlas reklamat. Verament kull decizjoni hi inevitabilment influwenzata mill-fatti partikolari tal-kaz;

Affermat dan, kif hekk ukoll valutat u deliberat mit-Tribunal, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita` appellata jibda biex jigi osservat illi skond il-Kapitolu 380 biex appell ikun ammissibbli minn sentenza tat-Tribunal l-ammont involut fit-talba jew irid jeccedi €1164.69 (subinciz 3 ta' l-Artikolu 8), li hawnhekk ma huwiex il-kaz, jew, indipendentement mill-ammont tat-talba, l-appell irid ikun ghal xi wiehed mill-motivi kalendati fis-subinciz 2 ta' l-istess Artikolu 8;

Issa minn imkien mill-korp ta' l-appell ma jirrizulta illi l-appellanti ccirkoskriva l-appell tieghu ghal xi wiehed minn dawk il-motivi. Gie imbaghad osservat minn din il-Qorti fi skorta ta' decizjonijiet dan li gej:-

“Eskluzi s-subparagrafi (a), (b) u (c) tas-subinciz (2) ghall-fattispeci, anke kieku kellha din il-Qorti tikkontempla l-materja fl-ambitu tas-subparagrafu (d), ma ssibx xejn x'jinduciha ghall-konkluzjoni li t-Tribunal agixxa b'mod gravi kontra d-dettami ta' l-ewkita`, u, xejn affattu, kontra d-dettami ta' l-imparzjalita`. X'fehem, jew x'seta' fehem it-Tribunal, anke jekk ma taqbelx ma' l-apprezzament li sar fir-rigward tal-provi, dan jesorbita mill-attenzjoni u skrutinju ta' din il-Qorti jekk, oggettivament, ma jirrizultax – u, del resto, lanqas dan ma gie hekk accennat mill-appellant – illi kien hemm ksur tad-dritt ekwitattiv. Jekk hemm bzonn jigi ripetut, il-Qorti hi f'kazijiet ta' din ix-xorta marbuta mal-parametri stretti tal-ligi fejn jikkoncerna d-dritt ta' l-appell.” Ara fost ohrajn “**Saviour Portelli -vs- Rinald Micallef *et***”, 11 ta' Jannar, 2006 u “**Joseph Cassar *et* -vs- Lawence Castagna**”, 7 ta' Frar, 2007;

Kif ulterjorment osservat minn din il-Qorti, "wiehed imbaghad ma jridx jitlef di vista li hawn si tratta ta' Tribunal specjali u appell *ut sic* mid-decizjoni tieghu ma jistax isir hlief fil-kaz ta' xi wahda mill-ipotesijiet regolati bl-Artikolu 8 (2) u (3) ta' l-Att. Gjaladarba s-socjeta` attrici (fil-kaz prezenti, il-konvenut) minn imkien qed tibbaza l-appellabilita` tad-decizjoni fuq xi wahda minn dawn l-ipotesijiet, l-appell taghha ma jistax hlief jitqies irritu u null". Ara "**Matacom plc -vs- Central Asphalt Limited**", 22 ta' Novembru, 2006.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din il-procedura jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------